# IN-NAĦAL



In-naħal huwa insett li, bħall-insetti l-oħra, għandu ġismu maqsum fi tliet partijiet - ir-ras, iż-żaqq u s-sider. Ghandu wkoll tliet pari saqajn, żewġ pari ġwienaħ, u x-xewka.

In-naħal huwa insett bżonnjuż ħafna, għaliex jagħmel ħafna ġid fl-agrikoltura u fl-ambjent. Minn x'ħin jisbaħ sa ma jidlam itir minn fuq fjura għal fuq oħra biex jiġbor il- 'pollen' u n- 'nectar'. Waqt li jkun qed jiġbor dawn is-sustanzi għall-użu tal-ferħ tiegħu, ikun ukoll qed idakkar il-fjuri (li għandhom bżonn jiġu mdakkra biex jipproduċu l-frott u ż-żerriegħa). Għalkemm is-siġar u l-pjanti l-oħra għandhom il-ħajja, ma jistgħux jitħarrku biex idakkru lil xulxin. Għal dan Alla ħalaq in-naħal. Kieku dawk il-fjuri selvaġġi li naraw fil-kampanja, speċjalment fir-rebbiegħa, ma jiġux imdakkra min-naħla, iż-żerriegħa ma tiżviluppax u s-sena ta' wara ma narawx dak il-ġmiel ta' fjuri madwarna.

Wara li n-naħal jiġbor il- 'pollen' u n- 'nectar', imur fil-kaxxa u jpoġġieħ ġo xehda li jkun bena mix-xemgħa. Ix-xehda hija l-post fejn in-naħal ipoġġi l-għasel, u fejn ir-reġina tbid il-bajd. Dawn l-eluf ta' bajd, fi ftit ġranet, isiru duqqajs u mbagħad naħal normali.

Ferħ naħal ikun fih ir-reġina, il-ħaddiema, u r-raġel li ngħidulu l-bagħal. Xogħol ir-reġina huwa li tbid il-bajd. Il-bagħal jgħammar lir-reġina, u l-ħaddiema jagħmlu x-xogħol l-ieħor kollu. Dan ix-xogħol jinkludi t-tindif tal-kaxxa, il-ġarr ta' l-għasel, il- 'pollen' u n- 'nectar', u l-għassa fil-bieb tal-kaxxa bil-lejl u bin-nhar, biex kemm jista' jkun ma jitħallewx insetti oħra jidħlu ġewwa.

In-naħal għandha xewka biex tipproteġi lilha nnifisha. Meta n-naħla tagħti x-xewka, dik is-sustanza li jkun hemm ġo fiha tidħol fil-ġisem ta' l-għadu u tikkawża ħruq u rritazzjoni kbira. Studji xjentifiċi li qed isiru dan l-aħħar qed juru li din is-sustanza hija importanti ħafna fil-qasam tal-mediċina. Il-bagħal m'għandux xewka, imma l-ħaddiema u r-reġina kollha għandhom waħda. Ix-xewka tar-reġina tidħol ġol-ġisem ta' l-għadu u terġa toħroġ. Ix-xewka tal-ħaddiema teħel ġol-ġisem ta' l-għadu, u għalhekk in-naħla tmut.

Ir-reġina tuża x-xewka tagħha biss biex tiddefendi lilha nnifisha meta tkun qed tiġġieled ma'



reġina oħra. Billi ġo kaxxa naħal ikun hemm reġina waħda biss, ir-reġina tiġġieled ma reġina oħra, meta n-naħal jibda jofroħ. Dan isir l-aktar bejn Marzu u April. Fl-ewwel ferħ ma jkunx hemm problemi, għax reġina waħda biss ikun hemm. Din tkun l-istess reġina li minnha jkun faqqas l-ewwel duqqajs tal-ferħ. Imma mbagħad, wara l-ewwel ferħ, jibdew ifaqqsu rġejjen oħrajn. Ġieli jkun hemm xi ħamsa jew sitta f'daqqa. Għalhekk, trid issir l-għażla biex tibqa' reġina waħda biss. Din ir-reġina ġieli tintagħżel min-naħal stess, li jibda joqtol lil dawk li ma jridx. Iżda jekk in-naħal iħalli xi tnejn jew tlieta, tibda l-ġlieda bejn l-irġejjen. Ġlieda bħal din rajtha b'għajnejja stess. Tkun qisha ġlieda 'boxing' bl-irġejjen jiġġieldu u bin-naħal l-oħra miġbura madwarhom. Ir-reġina li tirbaħ tiġi mdawwra mill-bagħal. Hi tagħżel wieħed, u t-tnejn itiru flimkien biex titgħammar.

Ir-reġina darba biss titgħammar, iżda tibqa' tbid il-bajd ħajjitha kollha. Meta tmut u jkun għad baqa' l-bajd fil-kaxxa, il-ħaddiema jkabbru bajda minnhom b'mod differenti mill-oħrajn. Din tiżviluppa f'reġina ġdida. Meta timmatura tagħżel bagħal u titgħammar minnu. Xogħol il-bagħal huwa għalhekk sempliċiment li jgħammar lill-irġejjen.



Meta reġina tmut u ma jkunx hemm reġina oħra biex tieħu postha jew duqqajs li jista' jiżviluppa f'reġina, il-ferħ jispiċċa. Dan għaliex jew jitlaq mill-post, jew inkella jmut wara ftit ġranet.